MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2013

Numru. 854/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**VS**

**MARK LAWRENCE RIZZO**
**CHRISTOPHER SHEPHERD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Lawrence Rizzo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 216383 (M) u l-imsemmi Christopher Shepherd, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 19870 (G).

**Akkuzati talli:**

Nhar il-21 ta` Frar, 2008, f'xi hin bejn il-hamsa ta` wara nofs inhar (17:00hrs) u l-l-ghaxra u nofs ta` filghaxija (22:30hrs), minn gewwa l-imhazen tad-Dwana ta` Malta bl-isem **General Ezamination Shed** li jinsabu fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, ikkommettew serq ta` armi tan-nar u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-lok u dan ghad-deteriment tal-Gvern ta` Malta, ta` Raymond Cauchi minn Ghawdex u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru , ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), u dang had-deteriment tal-Gvern ta` Malta;

U aktar talli fl-istess data u fil-granet ta` wara, f'dawn il-gzejjer, zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenzja taht l-istess Att;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi u fil-granet ta` wara, xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti;

Akkuzati wkoll talli huma saru recidivi ai termini ta` l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264 (1), 265, 266 (1) (2), 267, 269 (d), 270, 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280 (1) (2), 281 (b), 325 (1) (b), 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-artikoli 5 (1) u 5 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li rat l-istqarrija volontarja tal-imputat Mark Rizzo;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti esebiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza tikkoncerna s-serq ta` kwantita` ta` armi mill-imhazen tad-Dwana fil-21 ta` Frar, 2008. Hemm ukoll akkuzi ta` hsara, ricettazzjoni zamma ta` armi u ricediva kif ukoll illi kiser il-kondizzjoni ta` sentenzi sospizi. Il-co-imputat Christopher Shepherd kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni fil-bidu ta` dina l-kawza u kien gie ikkundannat. Il-kawza tieghu illum spiccat stante illi ghaddiet in gudikat.

Illi f'dina l-kawza xehedu x-xhieda sussegwenti:

Spettur Keith Arnaud jixhed kif sar jaf kif l-imputat u Christopher Shepherd kienu involuti f'din is-serqa li kienet saret xi sena qabel billi kien parla man-nies Christopher Shepherd u kif, fl-istess waqt, il-Pulizija rnexxielha tittracja xi snieter, parti mir-rifurtiva, lil certu Simon Spiteri li kien ammetta li dawn il-hames (5) jew sitt (6) snieter huwa kien

akkwisthom minghand l-imputat odjern bi hlas ta` self *brevi manu* illi Spiteri kien ghamel lil Rizzo. Dawn is-snieter kienu gew rikoperati mill-Pulizija u s-serial number taghhom jikkombacu perfettament ma` dawk illi kienu gew misruqa.

Illi huwa informa wkoll lil dina l-Qorti li kien ukoll kellem lil Raymond Cauchi, is-sid ta` dawn is-snieter li huwa kien importa mill-Amerika li infurmah li dawn is-snieter jiswew hamsa u disghin elf ewro (€95,000). Dan xehed u kkonferma sia l-propjeta` ta` dawn is-snieter kif ukoll il-valur illi, mitkellem mill-Ufficjal Prosekutur, l-imputat kien ikkonferma dina t-transazzjoni li huwa kellu ma` Simon Spiteri izda cahad kwalunkwe participazzjoni fis-serqa *per se* billi dawn is-snieter kien tahomlu Christopher Shepherd wara l-bieb fuq gewwa tal-imhazen tad-Dwana u ghinu jghabbiehom fil-karozza tal-istess Shepherd. Jghid illi, dak il-hin, huwa assenna li Shepherd kien akkwista dawn is-snieter b'mod lecitu. Fit-tieni stqarrija tieghu l-imputat jbiddel il-verzjoni tieghu u jghid lli jaf illi dawn is-snieter kienu provenjenti mis-serq izda li kien Shepherd biss li dahal wahda gewwa l-mahzen u hu wasal fil-post wara li kienet twettqet is-serqa. Talli ghinu, Shepherd ippromettieh hamsa minnhom u kien dak il-hin stess li l-imputat cempel lil Simon Spiteri sabiex jghaddilu dawn is-snieter bhala hlas tad-dejn li huwa kellu mieghu.

Illi l-Pulizija kienet kellmet ukoll lil Bruno Farrugia li kienet il-persuna ma` min tkellem Christopher Shepherd meta gerger li Mark Rizzo kien ittradieh ghax kien hadlu s-snieter kollha. Bruno Farrugia ukoll xehed u ikkonferma dan kollu.

Illi l-Pulizija kienet kellmet llil Shepherd li fit-tieni stqarrija tieghu u wara konfront ma` l-imputat huwa ammetta lli kienu hu u Mark Rizzo li dahlu fl-imhazen tad-Dwana dak in-nhar tas-serqa u sabu u hadu (13) tlettax –il snieter li kienu fil-*pockets* taghhom. Shepherd ukoll spjega d-dinamika ta` kif sar is-serq. Liema dinamika tikkombacja

perfettament mar-rapporti tad-Dwana u Process Verbal ta` kif sar is-serq. Shepherd ukoll jikkonferma li huwa baqa` b'xejn u li ghalhekk mar iparla.

Illi l-Pulizija esebiet ukoll zewg (2) sentenzi precedent li jinkolpaw lill-imputat u dan bhala prova tal-akkuza ta` recidiva u ta` ksur ta` perjodu b'sentenzi sospizi u tressqu x-xhieda oppositi (ex-Spettur David Sciberras, Spettur Keith Arnaud kif ukoll il-verzjoni tal-imputat). Illi xehed Christopher Shepherd illi, bil-gurament, ikkonferma l-partecipazzjoni mieghu ta` Mark Lawrence Rizzo f'din is-serqa. Jikkonferma ukoll id-dinamika ta` kif saret din is-serqa.

Illi xehed ukoll PS435 David D'Amato u PC751 Joe Borg illli ghen lis-Spettur Arnaud f'din l-investigazzjoni. Huwa jikkonferma x-xhieda ta` l-istess Spettur Arnaud u huwa wkoll xhud taz-zewg stqarrijiet illi ghamel l-imputat. Xehed ukoll PS947 Adrian Paul Vella u PC179 Clayton Gatt illi ircieva r-rapport tas-serqa minghand certu Joseph Vella, rapprezentant tad-Dwana li flimkien ma rapprezentanti ohra Joseph Cassar u Francis Schembri xehedu f'din il-kawza u kkonfermaw is-serqa u dak li gie misruq.

Illi din il-Qorti rat il-process verbal ta` dan l-incident redatt mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman.

Illi xehed ukoll il-Brigadier Maurice Calleja li evalwa s-snieter misjuba fl-ammont ta` hames t'elef mija u ghaxar ewro (€5,110) u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Illi minn dina r-relazzjoni jirrizulta wkoll illi l-hames snieter misjuba fil-pussess ta` Simon Spiteri huma, filfatt, parti mir-rifurtiva tas-serqa li twetqet fl-imhazen tad-Dwana l-Marsa fil-21 ta` Frar, 2008.

Illi ngabet ukoll ix-xhieda li l-imputat m'ghandux licenzja biex izomm l-armi (WPC117 Silvio Zarb).

Illi deher ukoll Simon Spiteri illi kien gie processat bl-akkuza ta` ricettazzjoni ta` dawn l-armi misjuba u liema kawza illum ghaddiet in gudikat, u kkonferma bi shieh ix-xhieda tal-iSpettur Keith Arnaud ta` kif graw l-avvenimenti.

Illi, d-difiza, moghtija okkazjonijiet numeruzi u wara li dina l-Qorti tosserva li l-imputat kontinwament kien qieghed ibiddel avukat difensur matul il-mori tal-kawza ma gabet l-ebda provi u qatt m'ghamlet trattazzjoni.

Illi fil-konfront ta` Mark Lawrence Rizzo issibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni wara li nnotat li s-serqa kienet saret b'aggravju peress li l-imhazen kien tad-Dipartiment tad-Dwana, l-armi uzati fis-serqa ma kienux gew rikuperati u nuqqas ta` koperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundannah ghal erba` (4) snin prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa kien taht arrest preventiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------